# Il-Belt Cospicua u l-Granmastru Marc'Antonio Zondadari

*Kitba tal-Kan. Joe Abela*

**It-Titlu ta' "Città"**

Kienet drawwa ġejja mill-qedem li r-Renjanti ta' Malta jonoraw ċerti ċentri ta' abitazzjoni billi jżejnuhom bit-titlu ta' Belt jew, bit-Taljan "Città". Ġeneralment dawn kienu jkunu jew il-belt kapitali, jew xi post ieħor fortifikat u mdawwar bis-swar, jew xi post li wera qlubija kbira fi żmien ta' gwerra, jew xi raħal li kellu storja twila u qadima.

Hekk fiż-Żminijiet tan-Nofs kien is-Sultan ta' Spanja li onora lill-Imdina, il-belt kapitali ta' dawk iż-żminijiet qodma, bit-titlu ta' "Città Notabile". Din il-belt kienet tissejjaħ Melita fi żmien ir-Rumani, u kienu l-Għarab li bidlu isimha fi Mdina. Iżda warajhom l-Ispanjoli bdew isejħulha "Città Notabile". Madankollu kien l-isem Imdina li baqa' jintuża mill-Maltin, li jidher kienu jippreferu l-ismijiet tagħhom għall-Ibliet tagħhom.



*Fra Marcantonio Zondadari*
LXV. G.M.

**Il-Maltin jippreferu ismijiet Maltin**

Hekk ġara wkoll fil-każ ta' l-Isla, mibnija mill-Granmastru La Senglè, u għalhekk iġġib ukoll it-titlu ta' "Città Senglea". L-istess ukoll il-Birgu li, wara l-parti qalbiena u rebbieħa li kellu fl-Assedju l-Kbir ta' l-1565, ġie mogħni mill-Granmastru t-titlu ta' "Città Vittoriosa", filwaqt li l-Isla ġiet onorata bit-titlu ta' "Invicta", mhux mirbuħa. Mess imbagħad lill-belt kapitali preżenti li tissejjaħ "Città Valletta", hekk imsemmija għall-Granmastru La Valette, li beda l-bini tagħha wara r-rebħa kbira li kellu fuq it-Torok fl-Assedju l-Kbir.

**Il-progress ta' Bormla**

Peress li matul ix-xhur ta' l-Assedju l-art li fuqha hi mibnija Bormla kienet okkupata mit-Torok, il-Granmastru ma setax jagħtiha t-titlu ta' blet, u għalhekk kellhom jgħaddu bosta snin qabel dan isir. Fil-fatt malli għaddiet il-burraxka kbira ta' l-assedju, Bormla reġgħet bdiet tinbena mill-ġdid, u matul is-Seklu XVII tant kibret fl-importanza li saret wieħed mill-aqwa ċentri ta' abitazzjoni madwar il-Port il-Kbir, bl-opportunitajiet ta' xogħol li kienet qiegħda toħloq għall-Maltin il-flotta ta' l-Ordni. Il-Kavallieri fehmu l-importanza ta' Bormla u ddefendewha bil-bini ta' żewġ linji ta' swar qawwija u mastiċċi, dawk ta' Santa Margerita u tal-Kottonera.

**Żmien l-għoti ta' titli**

Is-Seklu XVIII kien iż-żmien meta diversi Granmastri għoġobhom jonoraw numru ta' rħula qodma bit-titlu ta' belt. Beda Zondadari li għolla lil Bormla għad-dinjità ta' "Città Cospicua". Warajh komplew Pinto u De Rohan li sejħu rispettivament lil Ħal Qormi u Ħaż-Żebbuġ "Città Pinto" u "Città De Rohan". Għaqqad kollox Hompesch, l-aħħar Granmastru f'Malta li, f'temp ta' erba' xhur ta t-titlu ta' belt lil mhux anqas minn tlett irħula; Ħaż-Żabbar "Città Hompesch", is-Siġġiewi "Città Ferdinand" u ż-Żejtun "Città Beland". Iż-Żejtun kellu jkun l-aħħar raħal li jingħata t-titlu ta' belt, għaliex ftit xhur wara l-Ordni tal-Kavallieri ġie mkeċċi minn Malta minn Napuljun.

### Zondadari u Bormla

Isem il-Granmastru Taljan Marc'Antonio Zondadari jibqa' għal dejjem marbut mal-"Belt Cospicua". Fil-fatt Zondadari, li laħaq Granmastru wara l-mewt ta' Perellos fl-1720 dam Granmastru sentejn biss u, li ma kienx għall-għoti ta' dan it-titlu lil Bormla, ftit li xejn kien iħalli isem fl-Istorja ta' Malta. Fl-1720 kien hawn f'Bormla 660 dar, bi 3,000 ruħ jgħixu fihom. Dan in-numru ta' nies kien konsiderevoli għal dak iż-żmien, u l-Belt Valletta biss kienet tgħaddi lil Bormla fin-numru ta' abitanti. Il-"motto" ta' Bormla "Ingens Amplectitur Agger" (Sur Kbir Idawwarni) jaqbel ma' l-isem li Zondadari ta lil Bormla. Fi żmien dan il-Granmastru, il-parti l-kbira tas-swar li jdawru lil Bormla kienet lesta. Fil-fatt fil-kitba mnaqqxa fuq Bieb Santa Liena, il-bieb ewlieni tas-Swar ta' Santa Margerita, jissemma s-sehem li Zondadari ta fil-bini ta' dawn is-swar.



Il-Granmastru Antonio Zondadari li fost miżuri drastiċi li ħa kien hemm il-bejgħ ta' ħafna mill-fided li kellha l-Ordni tal-Kavallieri.

### Fabio Chigi

Il-familja Zondadari kellha rabta oħra mal-Kottonera, għaliex l-Inkwiżitur Fabio Chigi, li kellu l-palazz tiegħu fil-Birgu u li wara laħaq Papa bl-isem ta' Alessandru VII kienu proprju z-ziju tiegħu. Dan Zondadari kien diplomatiku tajjeb, tant li darba f'Ruma kien irranġa tilwima diplomatika li kienet inqalgħet. Kiteb ukoll l-Istorja ta' l-Ordni tiegħu.



Carlo Gimach

### Carlo Gimach

Rabta oħra indiretta li Zondadari kellu ma' Bormla kienet permezz tal-magħruf Carlo Gimach. Kien dan il-pittur li pinġa l-kwadru titulari tal-Knisja Kolleġġjali tagħna li dam fil-kor sa l-1850, qabel ma tqiegħed floku dak li għandna llum, xogħol ta' Pietru Pawl Caruana. Dan il-kwadru tal-Kunċizzjoni ta' Gimach wieħed għad jista' jarah fis-sagristija prinċipali. Issa dan l-istess Carlo Gimach kien għamel il-pjanta ta' Palazz Carniero, illum magħruf bħala l-Berġa ta' Baviera, fejn Marc'Antonio Zondadari beda joqgħod fl-1702 u fejn hu wkoll bena kappella. It-tradizzjoni tgħidilna li hu baqa' joqgħod f'dan il-palazz ukoll matul is-sentejn li dam Granmastru ta' Malta.

### Zondadari fil-knisja ta' Santa Tereża

Zondadari ried idaħħal lil Bormla fil-jum tal-pussess tiegħu tal-Birgu bħala Granmastru. Ix-xini maġisterjali u l-oħra San Vincenzo Ferreri akkumpanjawh sax-Xatt ta' Bormla. Il-pont kien eżattament faċċata tal-knisja ta' Santa Tereża. Dan il-pont kien miksi bid-damask u fit-tarf tiegħu kien intrama ark trijonfali. Il-milizja Bormliża mliet it-triq mill-pont sal-knisja ta' Santa Tereża. Fil-wesgħa quddiem il-knisja kien hemm l-Inkwiżitur Ruffo jistenna lill-Granmastru. Il-knisja ġiet imżejna mill-isbaħ biex tagħti merħba xierqa lis-Sultan ġdid ta' Malta, u wara li saret il-funzjoni fiha, fis-sagristija kien hemm xorb frisk u ħelu ppreparati għal Zondadari u l-Kavallieri tiegħu. Kien ix-xahar ta' Awissu. Wara li spiċċa l-festin f'Santa Tereża, iċ-ċerimonja tkompliet fil-Birgu.

Zondadari miet fis-16 ta' Ġunju, 1722 fl-età ta' 63 sena. Il-monument tiegħu jinsab fuq ix-xellug tal-bieb il-maġġur fil-Kon Katidral ta' San Ġwann, Valletta. Hu l-uniku monument li hemm fil-kursija. Għall-Bormliżi Zondadari jibqa' l-Granmastru li għolla lil Bormla għall-ġieħ ta' "Città Cospicua".